Ir-raba’, il-Qorti Ġenerali ma indirizzatx l-argument tar-Renju Unit li d-distinzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [1] bejn il-FPS tar-Renju Unit u l-kapital konness tar-Renju Unit kienet irrazzjonali, bi ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-ġustifikazzjoni ta’ pratticità amministrattiva abbażi ta’ żewġ motivi relatati mal-allegat nuqqas ta’ provi quddiem il-Qorti Ġenerali; l-ebda wieħed ma kien sostenibbli, u t-tnejn kienu jinvolvu żnaturament ċar tal-fatti indikati quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-ħames, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jinkludi żball manifest ta’ liġi dwar ir-rekwiżit tal-libertà ta’ stabbiliment u t-tifsira tas-sentenza tat-12 ta’ Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, EU:C:2006:544, (iktar ’il quddiem il-“kawża Cadbury Schweppes”) li jammonta għal nuqqas ta’ kunsiderazzjoni ta’ din il-kawża. Il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata minn diversi żbalji. L-ewwel, hija bbażata fuq fehim ħażin tar-rwol tal-FPS fil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. It-tieni, il-Qorti Ġenerali tidher li assumiet li r-Renju Unit adotta sistema purament territorjali. It-tielet, din il-parti tas-sentenza appellata ma tindikax u ma tindirizzax l-argumenti sostanzjali mressqa mir-Renju Unit fir-rigward tal-impatt tas-sensiela ta’ kawżi Cadbury Schweppes fuq it-tfassil tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar iċ-CFC.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta’ April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta’ CFC (ĠU 2019, L 216, p. 1).

**Appell ippreżentat fis-17 ta’ Awwissu 2022 minn ITV plc mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fit-8 ta’ Ġunju 2022 fil-Kawżi magħquda T-363/19 u T-456/19, Ir-Renju Unit u ITV vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-556/22 P)**

(2022/C 441/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* ITV plc (rappreżentanti: J. Lesar, Solicitor, u K. Beal QC)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, LSEGH (Luxembourg) Ltd, London Stock Exchange Group Holdings (Italy) Ltd

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— Tilqa’ l-appell;

— Tannulla l-punti 2 u 4 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

— Tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta’ April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta’ CFC [1]; u

— Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka erba’ aggravji:

L-ewwel, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi u/jew wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma wettqitx żball fl-għażla tagħha tas-sistema ta’ referenza għall-analiżi dwar jekk kienx hemm ksur jew le tad-dispożizzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat li jinsabu fl-Artikolu 107 u fl-Artikolu 108 TFUE.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi u/jew wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-eżenzjonijiet rilevanti joperaw bħala deroga minn sistema ġenerali ta’ tassazzjoni li tinkludi r-regoli dwar iċ-CFC (kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż), b’tali mod li tat vantaġġ selettiv unikament lil uħud mill-kumpanniji taxxabbli li kienu f’pożizzjoni paragunabbli.

It-tielet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u/jew wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-eżenzjonijiet, jekk kienu jagħtu vantaġġ selettiv (*quod non*), ma setgħux ikunu ġġustifikati fuq il-bażi ta' prattiċità amministrattiva.

Ir-raba', il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li naqset milli tqis u tapplika b'mod korrett id-deċiżjoni fis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, EU:C:2006:544, kemm meta qieset il-kwistjoni tal-qafas ta' referenza u ta' vantaġġ selettiv, kif ukoll meta qieset il-kwistjoni dwar jekk l-eżenzjonijiet (jew uħud minnhom) setgħux ikunu ġġustifikati, jew le, għall-protezzjoni tal-libertà ta' stabbiliment taħt l-Artikolu 49 TFUE. Barra minn hekk, jew sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali naqset milli tagħti raġunijiet xierqa għall-konklużjonijiet tagħha fuq din il-kwistjoni.

([1]) ĠU 2019, L 216, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italia) fid-19 ta' Awwissu 2022 – Autorità di Regolazione per Energia Reti e Ambiente (ARERA) vs Fallimento Esperia SpA, Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE**

**(Kawża C-558/22)**

(2022/C 441/13)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Autorità di Regolazione per Energia Reti e Ambiente (ARERA)

*Konvenuti:* Fallimento Esperia SpA, Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE

**Domanda preliminari:**

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— l-Artikolu 18 TFUE, sa fejn jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità fil-qasam ta' applikazzjoni tat-Trattati;

— l-Artikoli 28 u 30 TFUE, sa fejn jipprevedu t-tneħħija tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni u miżuri li għandhom effett ekwivalenti;

— l-Artikolu 110 TFUE, sa fejn jipprojbixxi taxxi fuq l-importazzjonijiet ogħla minn dawk applikati direttament jew indirettament għall-prodotti nazzjonali simili;

— l-Artikolu 34 TFUE, sa fejn jipprojbixxi l-adozzjoni ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni;

— l-Artikoli 107 u 108 TFUE, sa fejn jipprojbixxu l-implimentazzjoni ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat mhux innotifikata lill-Kummissjoni u inkompatibbli mas-suq intern;

— id-Direttiva 2009/28/KE ([1]), sa fejn għandha l-għan li tippromwovi l-kummerċ intra-Komunitarju tal-elettriku ekoloġiku, li tiffavorixxi barra minn hekk il-promozzjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' Stati Membri individwali,